# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 636/97

Tommy Gravina
vs
Kalaxlokk Company Limited

Illum 23 ta' Ottubru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-disgha (9) ta' Mejju, 1987 u l-hmistax (15) ta' Mejju, 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1988 u s-snin ta' wara huwa sofra ingustizzja f'li gie trasferit f'sezzjoni fi hdan is-socjeta' intimata biex jaghmel xoghol li kien hazin ghal sahtu, u b'konsegwenza t'hekk kellu jittermina l-impieg minn ma' l-istess socjeta intimata.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent beda jahdem mas-socjeta' intimata fl-1982 bhala 'Steel Fixer'. Fl-1985 huwa gie assenjat xoghol ta' driver. Fl-1988, ir-rikorrent gie trasferit fis-sezzjoni tal-'vulcaniser' fi hdan l-istess socjeta' intimata. Din is-sezzjoni kienet tinsab f'mahzen kbir li fih kien isir xoghol ta' manteniment u tiswija ta' ingenji u makkinarju kbir. Kien hemm biss hajt gholi xi sitt (6) filati jifred iz-zewg sezzjonijiet.

Wara xi zmien jahdem fis-sezzjoni tal-'vulcaniser', sahhet ir-rikorrent marret lura, u dan principarjament minhabba d-dhahen u l-'exhaust' li kien johrog mill-ingenji u l-makkinarju li kien jissewwa fl-istess mahzen li fih kien jahdem ir-rikorrent. Meta r-rikorrent ghamel suggeriment biex il-hajt divizorju bejn is-sezzjoni li kien jahdem fiha hu u s-sezzjoni l-ohra jitkompla jimbena, l-unika risposta li ha kienet dik biex jitlaq mix-xoghol.

Minhabba illi s-socjeta' intimata baqghet ma rrimedjatx is-sitwazzjoni, ir-rikorrent ma kellux triq ohra hlief li jitlaq mix-xoghol, kif fil-fatt ghamel fl-1990.

Minhabba din l-ingustizzja, ir-rikorrent sofra u ghadu jsofri danni finanzjarji minhabba l-fatt illi huwa ghadu sal-gurnata tal-lum jirregistra ghax-xoghol.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-

Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi kkumpensat ghad-danni li sofra minhabba l-agir irresponsabbli tas-socjeta intimata, u li jerga' jinghata impieg addattat ma' l-istess socjeta' intimata jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5,000, u dana taht kull provedimenti xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tas-socjeta' Kalaxlokk Company Limited li eccepiet:

Illi r-rikorrent jallega li sofra ingustizzja meta gie trasferit f'sezzjoni fi hdan is-socjeta' esponenti biex jaghmel xoghol li kien hazin ghal sahhtu u b'konsegwenza t'hekk kellu jittermina l-impjieg tieghu minn ma' l-istess socjeta'.

Illi l-ilment tar-rikorrent huwa ghal kollox infondat.

Illi mhux bizzejjed li r-rikorrent jallega li sofra ngustizzja meta gie trasferit ghal mal-vulcanisers fl-1988. L-Att VIII ta' l-1997 infatti jimponi fuq ir-rikorrent l-obbligu li jipprova li saret mieghu jew a skapitu tieghu xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita jew li garrab xi inkapacita jew retrizzjoni bl-imsemmi trasferiment. Fin-nuqqas li jaghmel dan, ir-rikorrent ikun naqas li jipprova l-ilment tieghu.

Illi fir-rikors tieghu, ir-rikorrent mkien ma jghid li saret xi ngustizzja mieghu fuq xi bazi kontemplata fil-ligi. L-unika 'ngustizzja' li jsemmi hi li gie trasferit biex jahdem xoghol li hu hazin ghall-sahhtu u cioe' xoghol ta' "vulcaniser". Bir-rispett kollu, pero', dan ma jistax ikun minnu. Hawn numru ta' nies li jahdmu dan ix-xoghol ghal rashom. Ma jidhirx li sahhithom tmur lura minhabba dan ix-xoghol ghax kieku zgur li ma jibqghux jaghmlu dan ix-xoghol. Bla dubbju, ghalhekk, il-fatt li r-rikorrent gie mqabbad jaghmel dan ix-xoghol ma jista' qatt jitqies li gie mqabbad jaghmel xoghol li hu hazin ghall-sahhtu u ghalhekk l-ingustizzja li qed jallega r-rikorrent ma tezistix.

Illi tant hu hekk li fir-rikors tieghu r-rikorrent stess jallega li sahhtu marret lura 'principarjament' minhabba d-dhahen u l-'exhaust' li kien johrog mill-ingenji u l-makkinarju li kien jissewwa fl-istess mahzen li fih kien jahdem ir-rikorrent. Minnu nnifsu, dan juri li l-fatt li r-rikorrent gie mqabbad jaghmel xoghol ta' vulcaniser la kien u lanqas seta' kien il-kawza tad-deterjorament li r-rikorrent jallega u li se mai, kien il-post jew il-lant tax-xoghol li kien il-kawza ta' tali deterjorament. Il-fatt li hadd iehor mill-haddiema l-ohra li kienu jahdmu fl-imsemmi mahzen mhumiex qed jallegaw li soffrew xi hsara f'sahhithom jew li sret xi ngustizzja maghhom ghax ntbaghtu jahdmu hemm juri li l-anqas din l-ipotezi ma hi korretta. Jibqa' dejjem il-fatt li hu stramb li r-rikorrent qatt ma fittex lis-socjeta' esponenti ghad-danni finanzjarji li jghid li sofra minhabba tali deterjorament f'sahhtu galadarba hu qed jallega li l-kawza ta' tali deterjorament kien ix-xoghol jew l-lant tax-xoghol tas-socjeta' esponenti.

Ir-rikorrent jallega ukoll li meta hu sugerixxa li jkun hemm alterazzjonijiet fil-workshop in kwistjoni, l-unika risposta li la kienet

dik biex jitlaq mix-xoghol u li peress li s-socjeta' esponenti baqghet ma rrimedjatx is-sitwazzjoni, hu kellu jittermina l-impjieg tieghu. Ovvjament jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova l-allegazzjonijiet tieghu. Pero' jinghad mill-ewwel li r-rikorrent kellu rimedji ohra ghad-dispozizzjoni tieghu li hu naqas milli jadotta. Infatti, jekk ir-rikorrent hass li l-post tax-xoghol ma kienx tajjeb ghas-sahha, huwa seta dejjem jaghmel rapport mad-Dipartiment tax-Xoghol li kien ikun obbligat jaghmel l-investigazzjonijiet necessarji.

Fl-ahhar, ghandu jinghad ukoll li tlett ijiem biss qabel ma ttermina l-impjieg tieghu minn jeddu, r-rikorrent pprezenta lis-socjeta' esponenti certifikat mediku ffirmat minn Dr George Borg (li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok A). L-imsemmi tabib iccertifika li r-rikorrent kien isoffri minn ugiegh ta' ras persistenti jekk joqghod ghall-zmien twil fix-xemx u irrakomanda li r-rikorrent ma joqghodx fix-xemx. Huwa stramb li fl-imsemmi certifikat mkien ma jissemma li r-rikorrent kien ibati minhabba d-dhahen jew l-exhaust jew li ma kellux jkun espost ghalihom. Meta wiehed jiftakar li r-rikorrent ghazel minn jeddu li jittermina l-impjieg tieghu tlett ijiem biss wara, wiehed bil-fors jasal ghall-konkluzjoni li hu ghazel li jaghmel hekk minhabba r-ragunijiet imsemmija fl-imsemmi certifikat u mhux ghar-ragunijiet li qed jallega issa.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet jidher car li r-rikorrent ma sofra l-ebda ngustizzja u ghalhekk it-talba tieghu tigi michuda bl-ispejjez.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mis-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi xehed ir-rikorrent fejn ikkonferma l-kontenut tar-rikors. Semma li ghall-bidu kien jahdem bhala vulcanizer f'mahzen li kien ghalih, filwaqt li tiswijiet ta' l-ingenji kien post iehor. Imbaghad kienu caqalquhomu f'garaxx wiehed kemm il-vulcanizers flimkien mal-machanics li kienu jaghmlu t-tiswijiet. Kien hemm jiddividihom hajt ta' sitt filati. Ir-rikorrent kien ried li dan il-hajt ta' sitt filati joghla peress li kien qed jigi hafna exhaust min-naha taghhom fis-sezzjoni fejn kien jahdem. Kien kellem lis-superjuri tieghu s-sur Bartolo, is-Sur Cachia u is-sur Scerri. Ir-risposta li tawh kienet biex jitlaq mix-xoghol. Imbaghad qala' transfer ghat-terminal u hemmhekk ma setax joqghod peress li kien fix-xemx. It-tabib tieghu hariglu certifikat mediku, u minhabba dan telaq mix-xoghol. Sostna li ma kienx hu li talab it-transfer. Dam madwar gimghatejn fuq dan ix-xoghol gdid. Cahad li ftit qabel jew ftit wara li spicca mix-xoghol applika ghall-licenzja ta' hanut u qal li qatt ma kellu hanut. Qal li qatt ma semgha bil-hanut St John, Our Lady of Mercy street, Zejtun.

Ra l-affidavit ta' Edwin Mamo ta' Manager Amministrattiv fil-Kumpanija Kalaxlokk, li fih semma li mill-file numru Pers/175732 li jirrigwardja lill-Thomas Gravina, jirrizulta li huwa kien impjegat bhala Labourer/Concretor f'Gunju 1982. Fl-1 ta' Awwissu 1983 kien inghata

promozzjoni ghal grad ta' Plasterer. Fit-2 ta' Gunju 1987 kien moghti l-grad ta' Light Plant Driver. Fil-21 ta' Marzu 1989 kien sar Vulcanizer skond kif jidher mid-dokument EM1. Fis-16 t'Ottubru 1989 Gravina applika sabiex isir Security Guard u kien mgharraf li meta jkun hemm vakanza ghandu japplika. Fil-21 ta' Frar 1990, Gravina kien mar ikellem lill-Personnel Manager u qallu li l-fumes kienu qed jaghmlulu hazin. Ghalhekk Gravina kien trasferit immedjatament ghas-Sezzjoni tax-Xogholijiet temporanji fuq it-Terminal numru 1 tal-Malta Freeport. Gara izda li fis-26 ta' Frar 1990 hamest ijiem wara li kien trasferit mas-Sezzjoni ta' Xogholijiet Temporanji Gravina gab certifikat minghand Dr. Anton Borg MD li kien jghid li d-dhahen ma kienux tajbin ghalih. Fl-4 ta' Gunju 1990 Gravina applika biex jiehu tlett ijiem leave minhabba li kellu inkwiet familjari. It-talba tieghu ma gietx milqugha.

Fit-8 ta' Gunju 1990 Gravina ipprezenta certifikat mediku iffirmat mit-tabib George Borg li kien jghid li huwa kien ibati minn ugiegh ta' ras jekk ikun espost ghax-xemx. Fil-11 ta' Gunju 1990 Gravina rrizenja minhabba raguni ta' sahha. F'Marzu 1985 martu applikat mal-Pulizija biex tiftah hanut f' "St John" Our Lady of Mercy Street Zejtun, u l-Pulizija kitbet biex tara jekk il-kumpanija ghandhiex xi oggezzjoni. Fit-18 ta' Marzu 1985 Gravina ghamel dikjarazzjoni li tirreferi ghall-applikazzjoni tal-hanut imsemmi.

Wara l-ilment tar-rikorrent fuq il-fumes, hu kien inghata xoghol fuq barra ta' concrete. Jidher li mit-21st February 1990 sakemm dahal ic-certifikat tat-tabib Borg li huwa kien ghadu barra on site. Meta s-Sur Gravina kien hareg barra on site il-kariga tieghu ta' Vulcanizer baqghet l-istess.

Semma li wasal ghal konkluzzjoni personali li r-rikorrent telaq mix-xoghol proprju ghax kellu l-hanut miftuh. L-ahhar salarju spicca fiha s-sur Gravina kien ta’ Lm42.60 fil-gimgha.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent ma kienx kuntent meta bhala vulcaniser huwa kien tqieghed jahdem fil-post il-gdid minhabba li hu sostna li kien hemm fumes gejja mis-sezzjoni tal-mechanics. Wara li hu ghamel ilment gie trasferit jahdem fuq barra u jidher li ilmenta minhabba x-xemx. Hass li dan kien hazin ghal sahhtu. Anke meta rrizenja semma din bhala raguni.

Giet attakkata l-kredibilita’ tar-rikorrent dwar dak li xehed fuq il-hanut fejn xehed li qatt ma applika ghal hanut u wara gew ezibiti d-dokumenti relevanti.

Dan it-Tribunal ma jhossx li r-rikorrent irnexxilu jipprova ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha. Kellu l-obbligu li qabel jitlaq mix-xoghol u jirrizenja, jekk verament kien ma jistax jahdem f’dawk il-kundizzjonijiet, li jirregestra dan l-ilment b’mod aktar konvincenti.

Ghal dawn il-motivi, jilqa’ l-eccezzjoni tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.